# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 t'April tas-sena 2002.**

**Numru 7**

**Avviz numru 2281/97/SM**

**Arkitett Mariello Spiteri**

**vs**

**Vittoriosa Stars u b'dirgriet tat-28 ta' Lulju 1998 korrett ghal: Joseph Agius bhala President, Victor Inguanez bhala Segretarju u Lawrence Cherrett bhala Kaxxier tas-socjeta' kalcistika Vittoriosa Stars u b'digriet tal-15 ta' Gunju, 1999 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rapprezentat mis-sindku John Boxall gie kjamat in kawza.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 ta' Novembru ta' l-1997 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu s-somma ta' LM345.00,0 minnhom dovuta ghal servigi professjonali resi lilhom mill-attur, kif jirrizulta mill-fattura Nru. 00088 datata hdax (11) ta' Lulju, 1996;**

**2. Bl-imghax u bl-ispejjez u ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Dicembru ta' l-1997 li permezz taghha l-konvenuti Vittoriosa Stars eccepew is-segwenti:**

**1. Illi fl-ewwel lok l-irritwalita tal-avviz billi s-socjeta' kalcistika konvenuta ma hiex socjeta' kummercjali izda wahda filantropika u ghalhekk kellha tigi mharka fil-vesti ta' l-President, Segretarju u Kaxxier taghha;**

**2. Illi fit-tieni lok minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub ma huwiex dovut mill-imsemmija billi l-attur qatt ma gie kummissjonat minnhom;**

**3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra;**

**Rat id-digriet taghha datat il-15 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz tieghu ordnat il-kjamata in kawza tal-Kunsill Lokali tal-Birgu;**

**Innotat li dan il-kunsill gie regolarment innotifikat bl-avviz promotur fit-12 ta' Lulju ta' l-1999 u li ghalkemm l-istess kunsill inghata diversi opportunitajiet ghazel li ma jipprezenzjax f'din il-procedura;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-konvenuti Vittoriosa Stars;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-attur gie inkarigat bhala perit arkitett biex jiddisinja "changing room" b'access ghall-barra fil-"ground" f'Tal-Hawli, il-Birgu;**

2. **Illi wara li l-attur effettwa "survey" ta' l-area lilhu ndikata, ikkonkretizza l-proposti tieghu, ipprepara l-pjanti li anke gew approvati;**

3. **Illi sussegwentement l-istess attur ghamel ukoll applikazzjoni lill-awtorita' ta' l-ippjanar;**

4. **Illi fid-diskussjonijiet tieghu l-attur dejjem kien involut mal-konvenuti Vittoriosa Stars;**

5. **Illi pero' jirrizulta li kien certu J. C. Azzopardi, sindku tal-Birgu li kien ta dan l-inkarigu lill-attur u li effettivament fiz-zmien in dizamina l-"ground" de quo ma kienx proprjeta' tal-konvenuti Vittoriosa Stars;**

6. **Illi in oltre jirrizulta li l-istess sindku de quo kien mistieden jiehu din l-inizzjattiva minn awtorita' superjuri ghalieh;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi effettivament din il-qorti hi sodisfatta bis-segwenti:**

1. **Illi l-perit arkitett attur effettwa l-pjanti in dizamina skond l-istruzzjonijiet lilhu moghtija;**

2. **Illi dawn l-istruzzjonijiet kienu ghall-beneficcju tal-"ground" li juzaw il-konvenuti Vittoriosa Stars li fiz-zmien in dizamina ma jirrizultawx li kienu proprjetarji tieghu;**

3. **Illi x-xoghol ippjanat effettivament ma jirrizultax li sar;**

**4. Illi kien is-sindku tal-Birgu, xprunat minn awtorita' superjuri ghalieh li ta l-inkarigu lill-attur biex jeffettwa l-pjanti mitluba;**

**Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-assocjazzjoni sportiva de quo, il-Vittoriosa Stars stante li l-attur qatt ma gie ikkommissjonat minnha, tilqa' wkoll it-talbiet attrici fil-konfront tal-kunsill lokali kjamat in kawza u tikkundanna ghalhekk lill-istess kunsill lokali tal-Birgu biex ihallas l-ammont ta' tlett mija u hamsa u erbghin Lira Maltin, (LM345.00,0), lill-attur Mariello Spiteri ghas-servizzi professjonali minnhu rezi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**